MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 198/2013

**CAF Services Limited**

**vs**

**P.D.K. Properties Limited, P.D.K. Financial Services Limited u Patrick Vella**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fis-26 ta’ Frar 2013 l-attrici qeghda titlob il-hlas ta’ tnejn u tletin elf tmien mija u hames ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€32,805.28) rapprezentanti arretrati ta’ cens fir-rigward tax-xhur minn Mejju 2011 sa Frar 2013 fir-rigward tal-appartament numru tlieta (3), San Juan, Saint George’s Road, San Giljan. L-attrici spjegat li b’kuntratt pubblikat min-nutar Dr John Debono tal-25 ta’ Frar 1998 PDK Properties Limited ittrasferiet lil PDK Financial Services l-

utile dominju temporanju. L-attrici ppremettiet ukoll li permezz ta’ att pubbliku pubblikat min-nutar Dr John Debono tal-25 ta’ Frar 1998, Anthony Vella, illum mejjet u missier il-konvenut Patrick Vella, is-socjeta PDK Properties Limited u PDK Financial Services Limited iggarnatew il-kondizzjonijiet u l-obbligi tal-kuntratt ta’ enfitewsi tal-1 ta’ Frar 1992 pubblikat min-nutar Dr Clyde La Rosa.

Mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew notifikati, ma wiegbux u lanqas deheru ghas-seduta tal-lum. Ghalhekk il-konvenuti baqghu kontumaci.

Semghet lil Michael Curmi, direttur tal-kumpannija attrici, jixhed wara li nghata gurament.

Peress li hadd ma deher biex jirribatti l-verzjoni tal-attrici, it-talba hi gustifikata.

**Ghaldaqstant tilqa’ t-talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta’ tnejn u tletin elf tmien mija u hames ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€32,805.28) rapprezentanti arretrati ta’ cens fir-rigward tax-xhur minn Mejju 2011 sa Frar 2013, bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors guramentat. Spejjez a karigu tal-konvenuti**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------